

32003D0008

L 5/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.1.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-23 ta' Diċembru 2002****li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 fir-rigward ta' l-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieġ***(notifikata taħt dokument numru K(2002) 5236)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2003/8/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1998 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2434/92 ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- (1) Sar ħafna progress minn meta ngħata bidu għan-*network* tas-Servizzi Europej tax-Xogħol (EURES) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/569/KEE ⁽³⁾, sabiex ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 jiġi implimentat.
- (2) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-1993, u waqt li jin-għata kont u jiġu konsolidati l-iżviluppi reċenti fl-ambjent EURES, in-*network* għandu jiġi msaħħa u integrat kollu kemm hu fl-attivitatijiet tas-Servizzi tax-Xogħol ta' l-Istati Membri. Id-diviżjoni kurrenti ta' responsabbiltajiet u l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandhom jiġu disinjati mill-ġdid.
- (3) In vista tat-tkabbir li jmiss ta' l-Unjoni Ewropea, kont sħiħ għandu jingħata ta' l-implimentazzjoni ta' l-EURES fil-pajjiżi ta' adeżjoni waqt li jiġi żgurat li s-sistema tibqa' effiċjenti u maniġġabbli.
- (4) L-opportunitajiet offruti mill-informazzjoni li toħroġ u l-għodda tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni biex jittejjbu aktar u jiġu razzjonalizzati s-servizzi provduti għandu wkoll jingħata kont tagħhom.
- (5) Għal dan il-għan, il-EURES għandha tiġi konsolidata u msaħħa bħala għodda prinċipali għall-immonitorjar tal-

mobilità, għas-sostenn tal-moviment liberu ta' ħaddiema u l-integrazzjoni tas-swieq Ewropej tax-xogħol, u biex iċ-ċittadini jkunu infurmati dwar il-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità.

- (6) Hemm il-ħtieġa li tiġi sostnuta l-mobilità okkupazzjonali u ġeografika b'konformità ma' l-Istrategġija Ewropea dwar l-Impjieġ, fl-interessi ta' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal ħliet u mobilità ⁽⁴⁾ u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2002 dwar l-istess kwistjoni ⁽⁵⁾.
- (7) Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa konsiljabbli li jiġi stabbilit mill-ġdid in-*network* tas-Servizzi Europej tax-Xogħol waqt li jiġu definiti b'mod aktar ċar il-kompożizzjoni, il-kostituzzjoni u l-funzjonijiet tiegħu. Din l-operazzjoni għandha tinvolvi s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni 93/569/KEE.
- (8) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku dwar il-libertà ta' moviment għall-ħaddiema,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

In-*network* EURES

Il-Kummissjoni, is-Servizzi tax-Xogħol ta' l-Istati Membri u kull imsieħba oħra nazzjonali li jista' jkollhom, għandhom joħlqu *network* Ewropew ta' servizzi, imsemmi EURES (European Employment Services - Servizzi Europej tax-Xogħol) responsabbli biex jiżviluppaw l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni li għalih tipprovdi t-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68.

⁽¹⁾ ĠU L 257, tad-19.10.1968, p. 2.⁽²⁾ ĠU L 257, tad-19.10.1968, p. 2.⁽³⁾ ĠU L 274, tat-22.10.1993, p. 32.⁽⁴⁾ COM(2002) 72 finali ta' tat-13.2.2002⁽⁵⁾ ĠU Ċ 162, tas-6.7.2002, p. 1.

Artikolu 2**Għanijiet**

Il-EURES għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni koordinata tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68. Għandu jsostni l-Istrateġija Ewropea dwar ix-Xogħol u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-suq wieħed Ewropew.

B'mod partikolari, għall-benefiċċju ta' dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol, il-ħaddiema u min iħaddem, il-EURES għandu jfittex li jippromwovi:

- (a) l-iżvilupp ta' swieq Ewropej tax-xogħol miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd;
- (b) il-bdil transnazzjonali, inter-reġjonali u bejn il-fruntieri ta' postijiet battala tax-xogħol u applikazzjonijiet għax-xogħol;
- (ċ) trasparenza u skambju ta' informazzjoni dwar is-swieq Ewropej tax-xogħol, inkluż dwar il-kondizzjonijiet ta' l-għixien u dwar l-opportunitajiet għall-akkwist ta' hilit;
- (d) l-iżvilupp ta' metodoloġiji u indikaturi għal dan il-għan.

Artikolu 3**Komposizzjoni**

Il-EURES għandu jikkompreni l-kategoriji li ġejjin:

- (a) Il-membri tal-EURES, li għandhom ikunu l-ispeċjalisti tas-servizzi maħtura mill-Istati Membri skond Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68, u l-Uffiċju Ewropew ta' Koordinazzjoni, skond Artikoli 21, 22 u 23 ta' dak ir-Regolament; u
- (b) l-imsieħba tal-EURES, kif hemm provdut f'Artikolu 17(1) tar-Regolament (KEE) Nru:
 - (i) is-servizzi reġjonali għax-xogħol ta' l-Istati Membri;
 - (ii) is-servizzi tax-xogħol responsabbli għar-reġjuni mal-fruntieri;
 - (iii) servizzi speċjalizzati dwar l-impiegi li jkunu ġew notifikati lill-Kummissjoni skond Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68.

Dawn il-kategoriji għandhom jinkludu it-trejd unions u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem nominati mill-membri EURES.

Artikolu 4**Ir-rwol ta' l-Uffiċju Ewropew ta' Koordinazzjoni**

Id-Direttorat Ġenerali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-Uffiċju Ewropew ta' Koordinazzjoni.

L-Uffiċju Ewropew ta' Koordinazzjoni (hawnhekk iżjed' il quddiem imsejjaħ l-Uffiċju EURES ta' Koordinazzjoni) għandu jissorvelja l-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u għandu jassisti n-network fit-twettieq ta' l-attivitajiet tiegħu.

Huwa għandu, b'mod partikolari, jwettaq:

- (a) l-analiżi tal-mobilità ġeografika u tax-xogħol u l-iżvilupp ta' attitudni ġenerali għall-mobilità skond l-Istrateġija Ewropea dwar ix-Xogħol;

- (b) il-formulazzjoni ta' attitudni kollox ma' kollox koerenti u ta' l-arranġamenti adattati għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri;
- (ċ) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni totali ta' l-attività EURES, u azzjoni biex jiġi verifikat li dan qed jitwettaq skond ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5**Il-logo EURES**

L-akronim EURES għandu jintuża esklussivament għal attivitajiet fi ħdan il-EURES. Għandu jintwera permezz ta' logo *standard*, definit bi skema ta' disinn grafiku.

Il-logo għandu jiġi reġistrat bħala marka tal-Kummerċ tal-Komunità fl-Uffiċju dwar l-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (OHIM). Jista' jintuża mill-membri tal-EURES u l-imsieħba.

Artikolu 6**Grupp ta' Strateġija ta' Livell Għoli**

B'dan qiegħed jinħoloq Grupp ta' Strateġija ta' Livell Għoli, kompost mill-Kapijiet tal-membri tal-EURES u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Huwa għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-promozzjoni u s-sorveljanza ta' l-iżvilupp tal-EURES.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Grupp ta' Strateġija ta' Livell Għoli dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ippjanar strateġiku, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-immonitorjar u l-evalwazzjoni tas-servizzi u l-attivitajiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni, inkluż:

- (a) Il-Karta EURES, skond Artikolu 8(2);
- (b) il-linji gwida EURES, skond Artikolu 9(1);
- (ċ) l-abbozz tar-rapport annwali tal-Kummissjoni li għalih jipprovdi Artikolu 19(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68;
- (d) ir-rapport ta' kull sentejn tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali meh-tieġ b'Artikolu 19(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68.

Il-Kapijiet ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-imsieħba soċjali għandhom jiġu mistiedna biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Grupp.

Il-Grupp għandu jstabilixxi l-metodi tiegħu tax-xogħol u r-regoli ta' proċedura. Bħala regola ġenerali, għandu jitlaqqa' darbtejn fis-sena mill-president. Huwa għandu jagħti l-opinjoni tiegħu b'maġġoranza sempliċi.

L-Uffiċju EURES ta' Koordinazzjoni għandu jipprovdi sostenn permezz tas-segretarjat.

Artikolu 7**Grupp tax-xogħol**

Sabiex jassisti fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-immonitorjar ta' l-attivitajiet tal-EURES, l-Uffiċju EURES ta' Koordinazzjoni għandu jstittwixxi Grupp tax-Xogħol kompost minn amministraturi, b'kull wieħed jirrappreżenta membru tal-EURES. L-Uffiċju EURES ta' Koordinazzjoni għandu jstieden lir-rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali Ewropej u, fejn xieraq, ir-rappreżentanti ta' imsieħba oħra Ewropej u esperti, biex jattendu għall-laqgħat tal-Grupp tax-Xogħol.

Artikolu 8

Karta EURES

1. L-Uffiċju EURES ta' Koordinazzjoni għandu jadotta l-Karta EURES skond il-proċeduri preskritti f'Artikolu 14(2), Artikolu 14(3), Artikolu 22(1)(a), (b) u (ċ), u Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68, wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Strateġija ta' Livell Għoli tal-EURES stabbilit b'Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fuq il-bażi tal-prinċipju li l-postijiet battala tax-xogħol kollha u l-applikazzjonijiet għall-impjieg li jintgħamlu pubbliċi minn xi wieħed mill-membri u imsieħba tal-EURES għandhom ikunu aċċessibbli mal-Komunità kollha, il-Karta EURES għandha, b'mod partikolari, tistabbilixxi:

- (a) deskrizzjonijiet ta' l-attivitajiet li l-membri u l-imsieħba tal-EURES għandhom iwettqu, inkluż:
- (i) is-servizzi ta' tqabbil ta' impjiegi, inkluż l-għoti personalizzati ta' konsulenza u pariri lill-klijenti, sew jekk ikunu persuni jfittxu x-xogħol, ħaddiema jew min iħaddem;
 - (ii) l-iżvilupp ta' kooperazzjoni transnazzjonali u bejn il-fruntieri, inklużi servizzi ta' impjiegi u dawk soċjali, l-imsieħba soċjali u istituzzjonijiet oħra konċernati, bil-ħsieb li jittejjeb l-iffunzjonar tas-swieq tax-xogħol, l-integrazzjoni tagħhom u mobilità imtejjba;
 - (iii) il-promozzjoni ta' immonitorjar koordinat u stima ta' ostakoli għall-mobilità, ħiliet biż-żejjed jew bin-nieqes u l-andament ta' l-emigrazzjoni;
- (b) l-għanijiet ta' operazzjoni tas-sistema EURES, l-istandards ta' kwalità li għandhom jiġu applikati kif ukoll l-obbligazzjonijiet tal-membri u l-imsieħba EURES, li jinkludu:
- (i) l-integrazzjoni tad-*databases* rilevanti tal-membri dwar postijiet battala tax-xogħol, mal-mekkaniżmu EURES ta' bdil ta' postijiet battala tax-xogħol, sa limitu ta' żmien li għandu jiġi speċifikat;
 - (ii) it-tip ta' informazzjoni, bħal informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol, informazzjoni dwar offerti u talbiet għax-xogħol, u ostakoli għall-mobilità, li għandhom jipprovdu lill-membri tagħhom u lill-bqija tan-*network*;
 - (iii) it-taħriġ u l-kwalifikazzjonijiet meħtieġa għall-persunal tal-EURES u l-kondizzjonijiet u l-proċeduti għall-organizzazzjoni ta' żjarat u assenjamenti għall-uffiċjali;
 - (iv) it-thejġija, sottomissjoni lill-Uffiċju EURES ta' koordinazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' pjani ta' attività, inklużi regoli speċifiċi għall-attivitajiet EURES bejn il-fruntieri;
 - (v) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-logo EURES mill-membri u l-imsieħba;
 - (vi) il-prinċipji għall-monitoraġġ u l-ewalwazzjoni ta' l-attivitajiet EURES;

- (ċ) il-proċeduri għall-istabbiliment ta' sistema uniformi u mudelli komuni għall-iskambju ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol u dik relatata mal-mobilità, fi ħdan in-*network* EURES, kif hemm provdut f'Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68, inkluża informazzjoni dwar ix-xogħol u dwar opportunitajiet tat-tagħlim fl-Unjoni Ewropea, li għandha tiġi nkorporata f'*website* integrata ta' informazzjoni dwar il-mobilità tax-xogħol.

Artikolu 9

Linji gwida u Pjani ta' Attività

1. B'konformità mal-Karta EURES kif hemm provdut f'Artikolu 8, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Strateġija ta' Livell Għoli tal-EURES kif hemm provdut f'Artikolu 6, l-Uffiċju ta' Koordinazzjoni tal-EURES għandu jistabbilixxi linji gwida għall-attivitajiet tal-EURES li jkopru perjodu ta' tlett snin.

Il-linji gwida għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet għal kull assistenza finanzjarja li l-Kummissjoni tista' tipprovdi skond il-paragrafu 4.

2. Fuq il-bażi tal-linji gwida, l-membri tal-EURES għandhom jippreżentaw il-pjani ta' attività rispettivi tagħhom għall-perjodu kopert bil-linji gwida ta' l-Uffiċju ta' Koordinazzjoni tal-EURES. Il-pjan ta' attività għandu jispeċifika:

- (a) l-attivitajiet prinċipali li għandhom jitwettqu mill-membri EURES fi ħdan il-qafas tan-*network*, inklużi l-attivitajiet transnazzjonali, bejn il-fruntieri u settorjali kif hemm provdut f'Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68;
- (b) ir-riżorsi umani u finanzjarji allokat għall-implimentazzjoni tat-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68;
- (ċ) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-ewalwazzjoni ta' l-attivitajiet ipplanati, inkluża l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

Il-pjani ta' attività għandhom ukoll jipprovdu stima ta' l-attivitajiet u l-progress miksub matul il-perjodu ta' qabel.

3. L-Uffiċju ta' Koordinazzjoni EURES għandu jeżamina l-pjani ta' attività u l-informazzjoni mibgħuta dwar l-implimentazzjoni tagħhom bil-ħsieb li jagħmel stima tal-konsistenza tagħhom mal-linji gwida u d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68. Ir-riżultati ta' din l-istima għandhom jiġu analizzati konguntemment mal-membri tal-EURES fuq bażi annwali, skond Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament, u għandhom jiġu nklużi fir-rapport ta' kull sentejn tal-Kommissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali meħtieġ b'Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni tista' tagħti assistenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-pjani ta' attività suġġetta għar-regoli li jirregolaw ir-riżorsi rilevanti ta' l-estimi.

Artikolu 10

Tħassir

Id-Deċiżjoni 93/569/KEE hija b'dan imħassra. Iżda, għandha tibqa' tapplika għal operazzjonijiet li fir-rigward tagħhom applikazzjoni kienet mibgħuta qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 11***Data ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2003.

*Artikolu 12***Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Anna DIAMANTOPOULOU

Membri tal-Kummissjoni
